



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Iżvilupp*

**2011/0195(COD)**

9.5.2012

## **EMENDI 14 - 24**

**Abbozz ta' opinjoni**  
**Isabella Lövin**  
(PE486.094v01-00)

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd

Proposta għal regolament  
(COM(2011)0425 – C7-0198/2011 – 2011/0195(COD))

AM\_Com\_LegOpinion

**Emenda 14**  
**Maurice Ponga**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 38a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(38a) Il-politika komuni tas-sajd għandha tkun koerenti mal-politika tal-iżvilupp immexxija mill-Unjoni u tipparteċipa fit-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;***

Or. fr

**Emenda 15**  
**Kriton Arsenis**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 41a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(41a) Bil-għan li titjieb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien u titjieb il-ġestjoni tal-istokkijiet komuni, l-Unjoni għandha timmira li tikkonkludi ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar is-sajd sostenibbli ma' tali pajjiżi. B'kuntrast mal-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli, dawn il-ftehimiet ta' kooperazzjoni ma għandhomx jimmiraw li jiksbu drittijiet tas-sajd għall-bastimenti Ewropej iżda għandhom jimmiraw li jiksbu sitwazzjoni li fiha l-Unjoni toffri finanzjamenti u sostenn tekniku bi skambju għall-applikazzjoni tal-istess regoli ta' ġestjoni sostenibbli jew regoli paragonabbli fil-pajjiż terz imsieħeb bħal dawk li japplikaw fl-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 16**  
**Maurice Ponga**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 1 – Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(f) konsistenza mal-politika marittima integrata, u ma' politiki oħra tal-Unjoni.

*Emenda*

(f) konsistenza mal-politika marittima integrata, u ma' politiki oħra tal-Unjoni ***kif ukoll l-impenji internazzjonali meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri.***

Or. fr

**Emenda 17**  
**Isabella Lövin**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 4 – Artikolu 28 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Allokazzjoni ta' ***konċessjonijiet*** tas-sajd ***trasferibbli***

*Emenda*

Allokazzjoni ta' ***opportunitajiet*** tas-sajd

Or. en

**Emenda 18**  
**Gesine Meissner**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 4 – Artikolu 28 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Kull Stat Membru ***għandu*** jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet li għalihom jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16, esklużi l-opportunitajiet tas-sajd miksuba taħt ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli.

*Emenda*

2. Kull Stat Membru ***jista'*** jalloka konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli fuq il-bażi ta' kriterji trasparenti, għal kull stokk jew grupp ta' stokkijiet li għalihom jiġu allokati opportunitajiet tas-sajd skont l-Artikolu 16, esklużi l-opportunitajiet tas-sajd miksuba taħt ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli.

**Emenda 19**  
**Kriton Arsenis**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 41 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ekonomiku **u** ambjentali **għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa** minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi terzi.

*Emenda*

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ekonomiku, ambjentali **u soċjali għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi marini mwettqa** minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi terzi. **Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli għandhom ikunu suġġetti għall-prinċipji, l-oġettivi u r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd u jippromwovu l-ġestjoni ta' riżorsi sostenibbli f'pajjiżi terzi permezz ta' sostenn adegwat għar-riċerka xjentifika u l-ġbir ta' data, il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza f'pajjiżi terzi msieħba;**

**Emenda 20**  
**Maurice Ponga**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 41 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ekonomiku u ambjentali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi terzi.

*Emenda*

1. Il-Ftehimiet dwar is-Sajd Sostenibbli ma' pajjiżi terzi għandhom jistabbilixxu qafas ta' governanza legali, ekonomiku, **soċjali** u ambjentali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni filmijiet ta' pajjiżi terzi. **Għandhom jippromwovu r-rispett tad-**

*drittijiet tal-bniedem, jipparteċipaw fil-ħolqien ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi terzi u ta' sajd responsabbli f'livell dinji.*

Or. fr

**Emenda 21**  
**Kriton Arsenis**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 41 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2a. Għandu jsir sforz fuq livell tal-Unjoni biex isir monitoraġġ tal-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw f'ilmijiet mhux tal-Unjoni barra mill-ambitu tal-qafas tal-ftehimiet dwar is-sajd sostenibbli, tali bastimenti għandhom jirrispettaw l-istess prinċipji gwida li applikaw għal dawk li jistadu fl-Unjoni u din l-informazzjoni għandha tkun il-bażi għad-determinazzjoni tal-eċċess eżistenti fil-pajjiżi terzi.*

Or. en

**Emenda 22**  
**Kriton Arsenis**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 41a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Artikolu 41a*

*Ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar is-sajd sostenibbli*

*1. Bil-għan li tinkiseb politika tas-sajd sostenibbli, miftiehma u koerenti fil-baċiri tal-baħar komuni kollha, l-Unjoni għandha timmira li tikkonkludi, mill-*

*aktar fis possibbli, ftehimiet ta' kooperazzjoni dwar is-sajd sostenibbli mal-pajjiżi ġirien. Dawn il-ftehimiet għandhom jiddisponu dwar il-finanzjament u s-sostenn tekniku min-naħa tal-Unjoni lill-pajjiżi terzi kkonċernati. Dawn il-ftehimiet għandhom ikunu konklużi fl-ispirtu ta' kooperazzjoni ġusta u ekwa u jimmiraw li jaqsmu r-responsabilitajiet b'mod ġust bejn l-Unjoni u l-pajjiż imsieħeb rispettiv.*

Or. en

**Emenda 23**  
**Isabella Lövin**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) issostni parti mill-ispiża tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi;

*Emenda*

(a) issostni parti mill-ispiża tal-aċċess għar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, **u l-benefiċjarji tal-aċċess għaż-żona tas-sajd iħallsu kwota tal-ispejjeż progressivament ogħla;**

Or. en

**Emenda 24**  
**Maurice Ponga**

**Proposta għal regolament**  
**Parti 7 – Artikolu 42 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tistabbilixxi qafas ta' governanza, inklużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka neċessarji, il-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u elementi oħra ta' bini tal-kapaċità li għandhom x'jaqsmu

*Emenda*

(b) tistabbilixxi qafas ta' governanza, inklużi l-iżvilupp u ż-żamma ta' istituzzjonijiet xjentifiċi u ta' riċerka neċessarji, il-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza u elementi oħra ta' bini tal-kapaċità li għandhom x'jaqsmu

mal-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli  
mmexxija mill-pajjiż terz. Għanjuna  
finanzjarja bħal din tkun ikkundizzjonata  
mill-kisba ta' riżultati speċifiċi.

mal-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli  
mmexxija mill-pajjiż terz. Għanjuna  
finanzjarja bħal din tkun ikkundizzjonata  
mill-kisba ta' riżultati speċifiċi ***u hija  
komplementari u koerenti mal-proġetti u  
programmi ta' żvilupp stabbiliti fil-pajjiż  
terz ikkonċernat.***

Or. fr